MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 2844/1996/1

**S & R (Handaq) Limited**

**vs**

**R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited
bhala agenti ta' Commercial Union Assurance
Company Limited
u b'nota tat-22 ta' Marzu 1999 s-socjeta` Atlas
Insurance
Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` estera
Guardian Royal Exchange Assurance plc cessjonarja
tad-drittijiet
tas-socjeta` estera Commercial Union Assurance
Company**

**plc assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta`**
**R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited.**

**Il-Qorti,**

**I <u>PRELIMINARI</u>**

1. Dana hu appell minn sentenza moghtija fid-9 ta' Frar 2000 mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili u jikkoncerna interpretazzjoni ta' klawsola f'polza ta' assikurazzjoni ta' vettura. Is-sentenza appellata taqra hekk:-

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-1 ta' Ottubru 1996 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta` konvenuta bhala kumpanija assikuratrici assikurat Ford Cargo Truck proprjeta` tas-socjeta` attrici bin-numru ta' Registrazzjoni SRH 005 (F 5613) skond il-polza numru MB 18F 94004357; illi fis-6 ta' Marzu 1996, l-imsemmi truck garrab hsarat konsiderevoli huwa u jigi stivat fuq il-vapur MV Zebbug minn impjegati tas-socjeta` Sea Malta Company Limited; illi d-danni sofferti huma wiehed mir-riskji kontemplati fil-precitata polza ta' assikurazzjoni; illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata anke ufficjalment, naqset milli tindenizza lis-socjeta` attrici d-danni kollha sofferti minnha b'konsegwenza ta' dan l-incident; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-imsemmi incident huwa wiehed mir-riskji kontemplati u koperti mill-polza ta' assikurazzjoni imsemmija li tahtha gie assikurat it-*truck* fuq deskritt.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata ta' Lulju 1996 u b'rizerva ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni li jsir taht gudizzju separat u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta` attrici.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-24 ta' Gunju 1997 li permezz taghha eccepiet illi t-talba tas-socjeta` attrici ghandha tkun respinta stante li l-incident de quo mhux kopert mill-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Marzu 1998 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti sabiex tigi trattata u deciza.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet prezentata fit-22 ta' Gunju 1998 li permezz taghha elenkaw il-fatti tal-kaz.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Gunju 1998 meta b'zieda ghad-dikjarazzjoni tal-fatti l-partijiet ziedu jghidu li t-*truck* in kwistjoni kien qed jitghabba fuq l-MV Zebbug "for an outward journey".

Hadet nota tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet maghmula.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Novembru 1999 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat.

Hemm qbil bejn il-kontendenti dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza. Infatti b'nota konguntiva tat-22 ta' Gunju 1998 (fol. 20 tal-process) il-partijiet qablu li (a) il-kumpanija attrici kienet proprjetarja tal-Ford Cargo Truck numru ta' registrazzjoni SRH-005 (F 5613). (b) Illi l-imsemmi truck fis-6 ta' Marzu 1996 garrab hsarat waqt li kien qieghed jigi stivat fuq il-bastiment M.V. Zebbug. (c) Illi l-imsemmi truck kien kopert b'commercial vehicle insurance policy Nru. MB18F94004357 mahruga mill-kumpanija konvenuta. (d) Illi t-truck imsemmi ma kienx kopert bi Green Card extension fil-mument ta' l-incident. Inoltre fl-istess udjenza l-partijiet qablu li t-truck in

kwistjoni kien jitghabba fuq l-MV Zebbug “for an onward journey”.

Dan stabbilit hemm disgwid bejn il-kontendenti billi filwaqt li s-socjeta` attrici qed isostni li l-incident in kwistjoni huwa wiehed mir-riskji kontemplati u koperti mill-polza fuq imsemmija, is-socjeta` konvenuta qed tghid li dan l-incident mhux kopert bil-polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni.

Ikkunsidrat.

Il-polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni, li kopja taghha giet ezebita mis-socjeta` konvenuta, tispecifika bhala l-*Geographical area*, cioe` dak it-territorju li jiddelimita obbligi assunti mis-socjeta` assikuratrici, “The Islands of Malta and Gozo and any recognised sea passage between these Islands.” Din il-klawsola, skond il-konvenut, tillimita l-iskop tal-polza ghal dawk il-hsarat rizultanti minn incident fil-gzejjer Maltin jew waqt trasport bil-bahar bejn Malta u Ghawdex. Il-konvenut kompla jghid li ghal kwalunkwe kopertura ohra, inkluza dik ta' meta vettura tigrilha hsara fuq bastiment intiz biex imur lejn pajjiz barrani, trid issir *extension* tal-polza tramite il-“Green Card” li tippermetti “Extension of cover” ghal “Geographical area” hemm indikata u b’hekk il-polza tkun tapplika “whilst the Motor Vehicle is in sea transit including the processes of loading and unloading incidental to such transit by any recognised ferry”. Ghalhekk qed jigi sottomess mill-konvenut li gia la darba l-vettura in kwistjoni gralha hsara fuq bastiment li kien ser jivvjagga lejn Sqallija, u ma kienetx saret din l-“extension” dan l-incident johrog mill-“iscope of cover” tal-polza.

Is-socjeta` attrici qeghda tissottometti fir-rigward li sabiex polza ma tkoprix eventwalita` din trid tkun eskluza espressament mill-istess polza. Gie sottomess ukoll li l-kliem uzat fil-polza ghandhom jigu interpretati kontra l-persuna li tuzahom solitament (f’dan il-kaz l-assikurazzjoni).

Ikkunsidrat:

Illi mill-assjem tal-fattispecjie tal-kaz u wara li hadet konjizzjoni ta' dak sottomess fin-noti tal-kontendenti, din il-Qorti hija tal-fehma li t-tezi tas-socjeta` attrici ma tistax treggi. Dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Il-polza in kwistjoni titkellem car dwar dawk ir-riskji li huma koperti mill-istess polza. Dawn jinkludu biss hsarat rizultanti waqt incident li jsehhu fil-Geographical area deskritta fil-polza. Cioe` f'Malta u fi tragitti bejn Malta u Ghawdex.

2. L-incident gara fuq bastiment destinat ghal Sqallija. Ghalhekk dan la gara fit-territorju Malti u lanqas fit-tragitt bejn Malta u Ghawdex.

3. Il-kliem tal-polza huma cari u konsegwentement japplika dak li jiddisponi l-artikolu 1002 tal-Kap. 16 u f'dan is-sens mhux soggetti ghall-interpretazzjoni.

4. Kull kopertura addizzjonali ghall-incidenti barra t-territorju Malti ghandha ssir permezz tal-Green Card li tkopri wkoll it-tragitt bejn Malta u pajjiz esteru. Ta' dan kien konxju l-istess attur billi regolarment kien jottjeni din il-kopertura meta kien ser jiehu vettura barra minn Malta kif jidher mid-dokument SC2 a fol. 32 tal-process u mix-xhieda mhux kontradetta ta' Steve Conti (fol. 35).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra tieghu."

## II **L-APPELL**

2. Is-socejta` attrici ("l-appellanti") hasset li giet aggravata b'din is-sentenza. Ghalhekk, intavolat appell minnha quddiem din il-Qorti, b'rikorsipprezentat fit-22 ta' Frar 2000 li jispjega ir-ragunijiet ghaliex l-appellanti ma kienetx taqbel ma' l-istess sentenza. Hija talbet li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellata u tilqa t-talbiet ta' l-appellant, kif dedotti fic-citazzjoni.

3. Fir-risposta taghha s-socjeta` appellata wiegbet ghall-aggravji mressqa mill-appellanti u talbet li dina l-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata billi din hija gusta.

**III <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>**

4. Fuq il-fatti tal-kawza l-kontendenti jaqblu. Fis-6 ta' Marzu 1996 *truck* ta' l-appellanti garrab hsarat waqt li kien qieghed jigi stivat fuq il-bastiment M.V. Zebbug. Il-vettura ghalhekk kienet diga` telghet fuq dan il-bastiment li kellu jgorrha lejn Sqallija. Minhabba l-hsara li garrbet din il-vettura, jidher li l-vettura regghet tnizzlet fuq il-moll u ghalhekk it-tragitt ma ghamlitux. Il-vettura ma kienetx koperta bi "green card extension" fil-mument ta' l-incident.

5. Il-vettura kienet assigurata mas-socjeta` appellata. L-appellanti tippretendi li tigi rizarcita mis-socjeta` appellata, billi tqis li l-polza ta' assikurazzjoni kienet tkopri r-riskju in kwistjoni. Minn naha l-ohra, s-socjeta` assikuratrici issostni li l-incident in kwistjoni ma kienx wiehed mir-riskji kontemplati u koperti bil-polza ta' assikurazzjoni vigenti fil-mument ta' l-incident. Issostni li r-riskju kien ikun kopert li kieku l-polza saritilha endorsement, bi hlas ta' premium addizzjonali, sabiex ikun hemm "green card extension", jigifieri estensjoni tal-kopertura ghall-pajjiz fejn il-vettura tkun sejra titwassal.

6. Il-kwistjoni allura tikkoncerna interpretazzjoni tal-klawsola fil-polza ta' assikurazzjoni, ezattament tal-hekk imsejjha "Geographical Area" fejn kienet applikabbli il-polza fil-mument ezatt ta' l-incident.

7. Il-polza stess (ara fol. 27) tiddefinixxi il-"Geographical Area" bhala:
"The Islands of Malta and Gozo and any recognised sea passage between the Islands".

Fil-"general exceptions" tal-polza (ara fol. 31) insibu espressament registrat li:

"The Company shall not be liable in respect of (i) any accident loss damage or liability caused sustained or incured (a) outside the Geographical Area..."

8. L-Ewwel Qorti ikkonkludiet favur it-tezi tas-socjeta` appellata billi l-incident la gara fit-territorju Malti u lanqas fi tragitt bejn Malta u Ghawdex izda l-incident gara fuq bastiment destinat li jaghmel il-vjagg ghal Sqallija.

9. L-appellanti stqarret li ma tistax taqbel ma' l-ewwel Qorti li l-incident ma sehhx f'Malta. Stqarret li l-incident gara f'Malta u jaqa' taht il-"Geographical Area" koperta bil-polza u ghalhekk m'hemm l-ebda raguni ghaliex is-socjeta` appellata m'ghandhiex tigi dikjarata responsabbli li tirrizarcixxi d-danni sofferti bhala konsegwenza ta' l-incident. L-appellanti rrilevat li ma tistax taqbel li biex l-incident in kwistjoni jkun kopert, kien hemm bzonn li hija jkollha l-"green card extension", la darba l-vettura tkun sejra fuq "outward journey". L-appellanti sostniet li tali "Green Card" testendi kopertura li fil-verita` kienet gia` tezisti fil-polza. Izzid tghid li l-fatt li taht il-"Green Card" il-kopertura tibda ssehh mill-bidu tal-procedura tat-tghabijja ma jifssirx li l-kopertura originali taht il-polza in kwestjoni giet imhassra jew kancellata. L-incident gara fuq bastiment ta' nazzjonalita` Maltija, meta hu kien ghadu ma telaqx minn Malta.

10. Il-Qorti tinnota li l-argumenti kollha li ressqet l-appellanti quddiem din il-Qorti, kollha kienet resqithom quddiem l-ewwel Qorti. Bir-rispett kollu, dawn l-argumenti ma jwaslux lil din il-Qorti biex jikkonvincuha li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fl-interpretazzjoni li tat tal-polza in kwistjoni.

11. Fil-fehma tal-Qorti, l-incident gara 'l barra mill-"geographical area" kif definita fil-polza ta' l-assikurazzjoni. Dana billi l-incident sehh wara li l-vettura lahqet telghet fuq il-bastiment li kellu jivvjagga 'l barra mill-ibhra territorjali Maltin. B'hekk il-polza ma baqghetx aktar operattiva.

12. Fil-fehma tal-Qorti, l-kliem uzati fil-polza huma pjuttost cari u ma jehtiegu l-ebda sforz qawwi biex jigu korrettement interpretati. Kif rajna l-polza taghti d-definizzjoni tal-"geographical area" li fiha l-polza kellha tkun applikabbli. Espressament tghid li l-polza ma tkoprix riskji li jigri "outside the geographical area". Issa l-"geographical area" hi definita mill-polza stess bhala:- "The Islands of Malta and any recognised sea passage between the Islands".

13. Huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-kliem "the Islands of Malta" jfissru "art" Maltija u cjoe` ma jinkludix wkoll il-bahar ghar-raguni li l-vettura assigurata hija intiza biex tintuza fuq l-art u mhux fuq il-bahar. Il-polza stess taghmel riferenza ghall-legislazzjoni applikabbli, cioe` l-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur - ghar-riskji ta' Terzi Persuni (illum Kap. 104), li fid-definizzjoni ta' triq, tinkludi sqaq, pjazza, fortifikazzjoni jew post iehor ta' moghdija ghall-pubbliku (ara art. 2), izda, evidentement, ma tinkludix il-bahar jew bastiment fuq il-bahar.

Biex il-polza tkopri vettura waqt li din tkun qed titghabba, tinhatt, tinsaq jew tingarr fuq bastiment li jkun qed taghmel il-vjagg solitu bejn il-gzejjer Maltin kien necessarju li l-"geographical area" tigi espressament estiza bil-kliem "and any recognised sea passage between the Islands".

Din il-Qorti ma tistax ma taghtix effett lil dawn il-kliem, li ghandhom jinftehmu fis-sinifikat ordinarju taghhom.

14. Iz-zieda ta' dawn il-kliem juri bl-aktar mod car li t-tezi ta' l-appellanti ma treggix, ghaliex diversament, dawn il-kliem kienu jkunu ghal kollox superfluwi. Dana billi ma hawn l-ebda dubbju li l-ibhra bejn il-Gzejjer Maltin jaghmlu parti minn "Malta", meta din il-kelma tintuza fil-lingwa parlata, kif ukoll meta tintuza fil-ligijiet tal-pajjiz. Tant hu hekk li l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249) fl-artikolu 3(2) tieghu, jghid li

"F'dan l-Att, u f'kull Att mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, "Malta" tfisser l-gzira ta' Malta, il-gzira

ta' Ghawdex u l-gzejjer l-ohra ta' l-Arcipelagu Malti, maghduda l-ibhra territorjali taghhom" (enfasi tal-Qorti).

15. Il-vettura tghabbiet fuq bastiment li kellu jghamel vjagg ghal Sqallija. Jigifieri l-vettura ma tghabbietx fuq bastiment li kien sejjer jaghmel "a recognised sea passage" bejn il-gzejjer Maltin. Isegwi allura li l-incident, li gara wara li l-vettura telghet fuq il-bastiment, ma jaqax fil-"geographical area" stipulata u kif definita fil-polza ta' assikurazzjoni.

16. Biex din il-polza kellha tkun operattiva, biex tkopri incident bhal dak in kwistjoni, l-appellanti kellha tiehu hsieb li taghmel "endorsement" appozitu imsejjah "Extension of cover to other territories", bi hlas ta' premium addizzjonali. Din il-procedura kienet a konoxxenza tas-socjeta` appellanti. Infatti, id-Dok. SC2 (li jinsab a fol. 32) juri "green card extension" tal-polza ghal Sqallija bejn is-6 ta' Lulju 1994 sa l-20 ta' Lulju 1994, liema kopertura tinkludi espressament is-"sea transit" bejn Malta u Sqallija, "including the processes of loading and unloading incidental to such transit".

17. Illi ghalhekk, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, waslet ghall-konkluzjoni li l-incident u kwistjoni la gara fuq l-art Maltija u lanqas gara waqt tragitt bejn Malta u Ghawdex. Fi kliem iehor, l-incident gara 'l barra mill-"geographical area" kif definita fil-polza stess u ghalhekk l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

18. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------